**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Gunju 2019**

Numru 3

**Rikors Nru. 60/2017**

**William Gatt**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-31 ta' Lulju 2017 li jghid hekk:

Illi r-rikorrent huwa pensjonant u ilu jghix wahdu ghal aktar minn 20 sena.

L-interrogatorji tar-rikorrent bhala persuna suspettata:
Illi fit-8 ta' Frar 2010 ir-rikorrent gie arrestat mill-Pulizija u interrogat mill-Ispettur Louise Calleja tat-Taqsima ta' kontra l-Vizzji dwar allegat abbuz sesswali fuq tifla.
I1li fid-9 ta' Frar 2010 ghall-habta tal-5.15p.m. il-Pulizija haditlu stqarrija fil-presenza ta' PC 341 Jorge Dalli.
Illi fis-27 ta' Dicembru 2011 il-Pulizija regghet arrestat lir-rikorrent u regghet haditlu stqarrija, din id-darba fil-presenza ta' WPC 238 Monica Bartolo. Fiha hemm imnizzel:
"M: Tikkonferma li hadt il-parir minghand Dr Toni Abela u ghidtlu li mhux fuq il-kaz li ghandek il-Qorti qieghed arrestat?
"R: Iva."
Illi fid-29 ta' Dicembru 2011 ir-rikorrent gie mressaq il-Qorti u mixli bir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, sekwestru ta' din il-persuna u attentat vjolenti ghall-pudur, liema imputazzjonijiet gew minnu kkontestati.
Illi fit-12 ta' Novembru 2013 xehdet ghall-ewwel darba l-minorenni.
Illi fit-18 ta' Dicembru 2013 xehdet ghall-ewwel darba l-Ufficjal Prosekutur Spettur Louise Calleja.

L-ewwel nullita tal-proceduri kriminali - Nuqqas ta' partecipazzjoni fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):
Illi kif jirrizulta mit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni taghha, I-Ispettur Louise Calleja xehdet fl-assenza tar-rikorrent.
IIlum I-Erbgha 18 ta' Dicembru 2013
Kumpilazzjoni Numru: 1436/2011
Il-Pulizija
(Spettur Louise CalJeja)
vs.
William Gatt
Spettur Louise Calleja bint il-mejjet Alfred imwielda Pieta' stazzjonata Vice Squad bil-Malti u bil-Gurament fil-presenza taI-imputat tghid:
Xhud: Mela Sinjura Magistrat
Difiza: Qabel ma tibda I-Ispettur, dina Preskritta. Dana gie notifikat.
Qorti: Jiena Struttorja ma nistax niddeciedi (m)hux Preskrizzjoni jigifieri tista' tissolleva I-eccezzjoni kemm trid, pero ...
Xhud: Jiena nista' nittrattaha I-Preskrizzjoni fil-kaz
Qorti: Imma jiena ghal xejn ha tittratta ghax jien ma nistax niddeciedi dwarha
Xhud: All right
Qorti: Once li jiena Qorti Struttorja. Meta
Difiza: ... I-Avukat Generali
Qorti: L-Avukat Generali jew johrog I-Artikoli jew jibqa' sejjer
Xhud: Kien hemm decizjoni
Difiza: ...
Qorti: Jekk il-Qorti Struttorja ma tistax tiddeciedi fuq Preskrizzjoni
Xhud: Jien li kont ha nghid hu li kien hemm decizjoni fuq Preskrizzjoni wara li smajna I-kaz kollu u morna ghas-sentenza. Jigifieri xorta pprezentajna, ma kienx kaz tieghi imma niftakar li kien hemm kaz xorta pprezentaw il-provi kollha u mbaghad kien hemm it-Trattazzjoni fejn
Qorti: Ixhed, jara I-AG
Xhud: Sinjura Magistrat kien lejn I-ahhar lejn 2010 meta konna rcevejna informazzjoni minghand I-Interpol ta' Londra fejn kienu nfurmaw I-Interpol gewwa Malta illi kellhom, kien gie rappurtat ghandhom kaz ta' abbuz sesswali li kien sehh gewwa Malta. Fost informazzjoni li kienu tawna I-Interpol kien illi I-persuna li allegatament giet abbuzata kienet Jessica Fenech li kienet imwielda Malta l-Pieta infatti fit-13 ta' Settembru 1994 u din kienet irrappurtat ezattament lill-Pulizija ta' Sussex fejn qalet illi hi kienet giet abbuzata sesswalment minn persuna li dak iz-zmien kienu rreferew ghalih bhala William u dan il-perijodu kien xi zmien fis-Sajf meta hi kellha bejn xi 8 snin f'din l-eta. U kienet qalet ukoll li I-abbuz kien jikkonsisti f'atti sesswali fuq il-minuri stess u li kien allegatament sehh gewwa r-residenza ta' dan il-persuna William go San Pawl il-Bahar.
Mill-ewwel intervista li kienu ghamlu lil din Jessica Fenech kien gie stabbilit li kienet tiffrekwenta din I-area ta' San Pawl il-Bahar fejn kien joqghod dan certu William u dan iddeskrivietu bhala persuna li kellu xi qtates fir-residenza tieghu ta' San Pawl stess. Hi kienet marret ghandu xi 4 darbiet u kienet qalet li f'okkazzjoni minnhom kien rabatha u abbuza minnha sesswalment. Il-verzjoni taghha kienet inghatat fid-dettal lil Pulizija ta' Sussex kif spjegajt pero d-dettalji ta' min kien abbuza minnha, id-dettalji the full details ta' dan il-persuna ma setghetx tigi provduta lilna I-ghaliex dak il-hin li

kienet qed taghti dan ir-rapport Jessica ma kinitx hlief il-persuna ta' William San Pawl il-Bahar, persuna li kellu l-qtates.
Pero mbaghad ahna komplejna l-investigazzjoni minn naha taghna peress li kienu baghatulna dan l-Investigation Pack. Mill-informazzjoni ahna stabbilejna min kien dan l-allegat persuna li abbuza. In fatti kien certu William Gatt I.D. card 63147M u dak iz-zmien konna skoprejna kien diga gie investigat minn naha tal-Vice Squad.
IIli, jirrizulta mill-atti, illi fil-kors tad-deposizzjoni l-Magistrat qalet:
Qorti: Hu pacenzja ghidilhom itellghuh.
Difiza: Il-Magistrat ...
Xhud: Inti qed tghid li ghidtilhom ta, ghalhekk.
Difiza: Jien ghidtlu; kien hawn tal-SRT
Qorti: William Gatt
Xhud: Ghaxjiena staqsieni, ghidtlu tini cans. Ma kontx naf li inti
Difiza: Le, le jiena.
Xhud: All right, ok. Ghalkemm kellna din is-sitwazzjoni konna nafu li William, ahna stabbilejna li hu William Gatt, jiena xorta jigifieri mbaghad ghajjattlu, l-informazzjoni ma setghetx tigi verifikata daqstant, pero jiena kont tlabt ghal William Gatt biex jigi intervistat gewwa l-Vice Squad. In fatti dan William Gatt kont hadtlu l-ewwel Stqarrija tieghu, - ehe idhol hawnhekk.
IIli kien biss f’dan il-mument li r-rikorrent dahal fl-awla. Ghalhekk, il-proceduri tmexxew mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-assenza tieghu.
Illi dan in-nuqqas serju jirrendi l-proceduri tal-Kumpilazzjoni nulli.
Illi dan ma kienx l-uniku nuqqas serju li sehh f’dawn il-proceduri kriminali.

Is-sentenza tal-ewwel Qorti:
IIli b'sentenza moghtija fit-12 ta' Gunju 2015, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ghal disa' (9) snin. Ir-rikorrent instab hati ta' stupru vjolenti minhabba kongungiment karnali.
Illi fl-24 ta' Gunju 2015, ir-rikorrent ipprezenta rikors tal-appell kontra s-sentenza li biha gie ddikjarat hati u kkundannat ghall-piena ta' 9 snin prigunerija. Ir-rikors tal-appell gie ffirmat u pprezentat mill-Avukat Dr Malcolm Mifsud bhala Avukat ghall-Ghajnuna Legali.
IIli l-appell gie appuntat ghas-seduta tal-21 ta' Jannar 2016 fid-9.00am. u r-rikorrent gie debitament innotifikat b'dan l-avviz u attenda ghas-seduta.
IIli, kif jirrizulta mill-verbal tal-21 ta' Jannar 2016, l-appell gie differit ghat-trattazzjoni ghall-14 ta' April 2016 fuq talba tal-avukat difensur Dr Malcolm Mifsud.

It-tieni nullita tal-proceduri kriminali - Nuqqas ta' partecipazzjoni fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali:
IIli skont il-verbal tat-13 ta' Lulju 2016 -
Meta ssejjah l-appell deher Dr Malcolm Mifsud ghall-appellant.
Dehret Dr Kristina Debattista ghall-Avukat Generali.
L-appellant imsejjah diversi drabi ma deherx.
Il-Qorti rat l-artikolu 422 tal-Kodici Kriminali, rat in-notifika tal-appellant, tiddikjara l-appell dezert.
IIli, pero, fis-26 ta' Lulju 2016, l-istess Dr Malcolm Mifsud (Avukat ghall-Ghajnuna Legali) ipprezenta s-segwenti "Rikors ta' William Gatt":
IIli l-esponent kien gie arrestat nhar il-Hadd 24 ta' Lulju 2016 sabiex jibda s-sentenza tieghu ta' 9 snin prigunerija;

Illi l-esponent jirrileva illi l-appell tieghu instemghet fit-13 ta' Lulju 2016, fejn l-avukat sottofirmat kien ghamel trattazzjoni dwar l-appell. Gara illi erronjament pogga wara l-avukat fl-awla tal-Qorti Toni Mangion, li kien ukoll assistit mill-avukat sottofirmat u kien hemm konfuzjoni, fejn l-avukat haseb li s-Sur Mangion kien l-appellant. Fil-fatt induna (b)l-izball wara li spicca t-trattazzjoni u dan kien gie a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti. Fil-fatt il-Qorti kkummentat li ma kienx hemm problema ghaliex it-trattazzjoni kienet saret.
L-avukat sottofirmat huwa taht l-impressjoni li lanqas l-isem ta' William Gatt kienet giet mghajjta ghaliex meta l-avukat informa l-Qorti li kien lest li jittratta s-Sur Mangion kien diga fil-pozizzjoni tal-appellant.
Illi d(ak)inhar l-appellant kien barra mill-awla, jistenna li jissejjah u hadd ma ghajjat il-kaz tieghu. Jidher li f'xi punt xi hadd kien qed jaghlaq il-bieb tal-Awla u hu saqsa meta kien se jinstema l-kaz tieghu u t-twegiba kienet li s-Sinjura Imhallef riedet titlaq u inghalaq il-bieb.
Illi b'hekk fit-13 ta' Lulju 2016 il-kawza hawn fuq imsemmija ma kinitx imghajjta a tenur tal-Artikolu 198 tal-Kap. 12 u bhala rizultat ma jistax jigi invokat l-Artikolu 422 tal-Kap. 9.
Illi minn dak li gara kienet l-ufficjali tal-Qorti ma sejjahx il-kawza.
Ghaldaqstant l-esponent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka contrario imperio d-digriet tat-13 ta' Lulju 2016, fejn dikjarat l-appell dezert.
Illi b'digriet moghti fis-17 ta' Awwissu 2016 il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet hekk:
Billi hija nieqsa d-dikjarazzjoni guramentata tal-appellanti u inoltre r-rikors huwa pprezentat fuori termine,
Tichad it-talba.
Illi b'rizultat ta' konkorrenza ta' bosta zbalji r-rikorrent safa pregudikat serjament meta l-appell tieghu nstema fl-assenza tieghu - b'appellant iehor (Toni Mangion) wara l-izbarra minfloku; u dakinhar stess l-appell tieghu gie dikjarat dezert minhabba nuqqas ta' attendenza meta, ironikament, ir-rikorrent William Gatt kien prezenti barra l-bieb tal-awla jistenna li l-appell tieghu jigi msejjah. Ghal darb'ohra, il-proceduri kriminali fi stadju ta' appell tmexxew fl-assenza tieghu.
Illi skont il-verzjoni tal-Avukat Malcolm Mifsud -
"Fil-fatt il-Qorti kkummentat li ma kienx hemm problema ghaliex it-trattazzjoni kienet saret."
Illi l-Avukat Malcolm Mifsud isostni wkoll illi l-kawza ma kinitx giet mghajjta u li meta dahal fl-awla sab lil appellant iehor (jindikah bhala Toni Manion) li hu hasbu l-appellant William Gatt. Huwa jiddeskrivi dak li sehh bhala "konfuzjoni, fejn l-avukat haseb li s-Sur Mangion kien l-appellant."
IIli skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem -
"58. ... the duty to guarantee the right of a criminal defendant to be present in the courtroom - either during the original proceedings or in a retrial - ranks as one of the essential requirements of Article 6 (see Stoichkov v. Bulgaria, no. 9808/02 § 56, 24 March 2005).
59. Although this is not expressly mentioned in paragraph 1 of Article 6, the object and purpose of the Article taken as a whole show that a person "charged with a criminal offence" is entitled to take part in the hearing. Moreover, sub-paragraphs (c), (d) and (e) of paragraph 3 guarantee to "everyone charged with a criminal offence" the right "to defend himself in person", "to examine or have examined witnesses" and "to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak the language used in court", and it is difficult to see how he could exercise these rights

without being present (see Colozza v. Italy, 12 February 1985, § 27, Series A no. 89, and Sejdovk: cited above, § 81 )."
Illi skont il-gurisprudenza moderna tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, dak li sehh jikkostitwixxi 'a disproportionate burden' li jammonta ghal ksur tar-'right of access to a court (Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja) u jaghti lok ghal determinazzjoni li tkun sehhet vjolazzjoni taI-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni (ara Manibardo v. Spain u Esim v. Turkey).

Dewmien eccessiv:
IIIi I-proceduri kriminali fl-ismijiet "II-Pulizija (Spettur Louise Calleja) vs. William Gatt" mibdija f'Dicembru 2011 ntemmu f'Lulju 2016 u ghalhekk gie lez ir-"reasonable time requirement'. F'dawn il-proceduri nstemghu biss erba' (4) xhieda u I-imputat, u sakemm waslet biex tigi Malta biex tixhed il-minorenni Jessica Fenech, l-Ispettur Louise Calleja kienet lanqas ghadha hadet il-pedana tax-xhieda biex tixhed u tikkonferma I-imputazzjonijiet bil-gurament skont il-ligi. Kif jirrizulta mill-process, kien hemm hafna zmien li ma giex utilizzat u numru zghir ta' xhieda, u ghalhekk kien hemm dewmien eccessiv. L-Ispettur Louise Calleja pprezentat ir-rapport u l-att tac-citazzjoni fit-12 ta' Novembru 2013, meta r-rikorrent kien gie mressaq il-Qorti fl-24 ta' Frar 2012.

Id-dritt ghal assistenza ta' avukat:
IIli r-rikorrent, fuq dan il-kaz, qatt ma kellu inkontru fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ma' Dr Toni Abela. Dr Toni Abela kien I-avukat tieghu f’kawza ohra u mhux f’din.
Illli ormai I-pozizzjoni legali fuq dina I-kwistjoni giet determinata b'diversi sentenzi importanti moghtija fi zminijiet recenti, fosthom is-sentenza "II-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs. Aldo Pistella" moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-27 ta' Gunju 2017 (Rikors Kost. Nru 104/2016JZM), li fiha gew citati I-iktar sentenzi importanti f’dina I-materja moghtija kemm mill-Qrati domestici kif ukoll mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.
Illi konsegwentement kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal assistenza legali garantit mill-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Id-dritt ghad-dinjita u ghall-hajja privata u I-hajja tal-familja:
Illi b'rizultat tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), isem ir-rikorrent tnizzel fir-Registru dwar Pedofeli msemmi fil-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrent sofra hsara fid-dinjita, reputazzjoni u I-personalita tieghu, kif ukoll hsara non-pekunjarja u danni morali. Barra minn hekk, ir-rikorrent ilu jinzamm il-habs mill-24 ta' Lulju 2016, jigifieri ghal perijodu ta' sena s'issa. B'hekk ir-rikorrent sofra vjolazzjoni d-dritt garantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Id-dritt ghal-liberta' personali:
Illi b'rizultat tal-precitata sentenza u tal-provvediment dwar id-dezerzjoni taI-appell, ir-rikorrent gie pprivat mil-liberta personali peress li gie detenut mill-24 ta' Lulju 2016 sabiex jiskonta sentenza ta' 9 snin prigunerija. Ghalhekk, id-dritt tieghu ghal-liberta personali garantit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja gie lez u ghadu qed jigi lez.

Talbiet gudizzjarji:
Illi ghar-ragunijiet kollha premessi, mhux biss kien hemm serje ta' nullitajiet procedurali, izda wkoll lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent, filwaqt li jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna li jigi konservat l-'audio recording' (i) tas-seduta tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Dicembru 2013, u (ii) tas-seduta tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Lulju 2016, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha twettaq u tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tieghu u dan billi, fost ohrajn:

(1) Tiddikjara illi r-rikorrent sofra diversi lezjonijiet taI-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiggarantixxi d-dritt ghal smigh xieraq, fosthom billi l-proceduri kontra tieghu tmexxew fl-assenza tieghu dakinhar li xehdet l-Ispettur Louise Calleja, u cioe fit-18 ta' Dicembru 2013, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u billi l-appell tieghu ma nstemax mill-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-appell ma ssejjahx u t-trattazzjoni saret fl-assenza tieghu fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016;

(2) Tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni taI-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) peress li nkiser id-dritt tieghu ghall-assistenza ta' avukat sija fit-8 u 9 ta' Frar 2010, lejliet li dahlet fis-sehh l-emenda fil-ligi, u sija fis-27 u 28 ta' Dicembru 2011 meta huwa rega' gie interrogat u tressaq il-Qorti l-ghada, stante li d-dritt tieghu ghall-assistenza ta' avukat ma giex rispettat;

(3) Tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tal-garanzija dwar smigh xieraq fi zmien ragonevoli (reasonable time requirement) skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) peress li huwa tressaq il-Qorti fl-2011 u l-proceduri kriminali gew mitmuma f'Awwissu 2016;

(4) Tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt ghall-hajja privata u ghall-hajja tal-familja garantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319) peress illi l-proceduri kriminali mmexxija kontra tieghu kkawzawlu hsara fid-dinjita, reputazzjoni u l-personalita tieghu, kif ukoll hsara non-pekunjarja u danni morali.

(5) Tiddikjara nulli u bla effett il-proceduri kriminali kontra tieghu, is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Gunju 2015 u l-provvediment dwar dezerzjoni tal-appell tal-Qorti taI-Appell Kriminali tat-13 ta' Lulju 2016.

(6) Tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni taI-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxi d-dritt ghal-liberta personali.

(7) Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq.

BI-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li tghid hekk:

Illi fil-qasir il-lanjanzi tar-rikorrent huma fis-sens li fil-kawza Il-Pulizija vs. William Gatt deciza mil-Qorti tal-Magistrati nhar it-12 ta' Gunju 2015, gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu u dan minhabba nullita tal-proceduri kriminali li wassal ghal-nuqqas ta' access ghall-Qorti, dewmien irragjonevoli fil-proceduri kriminali, nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju u vjolazzjoni tal-artikoli 5 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi l-esponent jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda agir tal-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti anzi l-Awtoritajiet imxew b'reqqa ma' dak li tistipula l-ligi liema ligi mhux qed tigi ikkontestata.

Dwar in-nullita tal-proceduri kriminali

Ir-rikorrent qieghed jippretendi li l-proceduri kriminali decizi fil-konfront tieghu jigu ddikjarati nulli u dan ghaliex qieghed jallega li kien hemm mument meta ma kienx prezenti waqt ix-xhieda tal-Ispettur Louise Calleja quddiem il-Qorti tal-Magistrati

(Qorti Istruttorja) nhar it-18 ta' Dicembru 2013. Biex jipprova din l-allegazzjoni, r-rikorrent ikkwota parti sostanzjali mix-xhieda tal-Ispettur Calleja fejn skont hu dan juri li 'l proceduri kriminali saru minghajr il-partecipazzjoni tieghu. Dwar dan jinghad minnufih li l-atti processwali juru mod iehor. Fil-fatt skont il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Dicembru 2013 hemm imnizzel is-segwenti "Meta ssejhet il-kawza dehret l-Ispettur Louise Calleja u l-imputat assistit minn Dr Patrick Valentino". Fit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Calleja a fol. 84 hemm imnizzel "Spettur Louise Calleja bint il-mejjet Alfred imwielda Pieta stazzjonata Vice Squad bil-Malti bil-Gurament fil-prezenza tal-imputat tghid:" Inoltre fl-ahhar tax-xhieda taghha a fol. 87 hemm "Din hija x-xhieda ta' Spettur Louise Calleja dettata direttament on tape fil-prezenza tal-imputat." Dawn il-pagni gew iffirmati kemm mit-traskrittrici kif ukoll mil-Magistrat li ppresjeda l-kawza. Ghalhekk jidher car li ma hu minnu xejn li kien hemm xi nuqqas ta partecipazzjoni min naha tal-akkuzat li ghandu jwassal addirritura ghan-nullita tal-kawza kriminali.

Illi dato ma non concesso li verament kien hemm xi hin meta l-imputat Gatt seta’ ma kienx prezenti waqt ix-xhieda tal-Ispettur Calleja, haga li l-esponent qed jikkontesta b'qawwa, xorta wahda dan ma ghandux iwassal ghal-dikjarazzjoni ta’ nullita tal-proceduri. Tajjeb li jigi enfasizzat li kien hemm prezenti waqt is-seduta l-avukat difensur Dr Patrick Valentino li kien qieghed jidher ghall-akkuzat u jiggarantixxi li l-interessi tal-akkuzat ma jigux b'xi mod mittiefsa. Dr Valentino fl-ebda hin ma jidher li ghamel xi ilment formali li l-akkuzat ma kienx prezenti anzi kif intqal precedentement l-atti juru li l-akkuzat kien fil-fatt prezenti. Fl-umli fehma tal-esponent li hu zgur hu li dan biss ma jwassalx ghal-vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Kif hafna drabi nghad f'dawn ic-cirkostanzi, id-dritt tas-smigh xieraq irid jigi meqjus fil-kuntest tat-totalita tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument specifiku. Tabilhaqq biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, rnaghduda maghhom l-imgiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti. Wiehed ma jistax u mghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (ara fost ohrajn is-sentenzi Dr Lawrence Pullicino vs. Onorevoli Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Awwissu 1998, Anthony Zarb et vs. Ministru t al-Gustizzja et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2002 u Gregorio sive Godwin Scicluna vs. Avukat Generali et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-l5 ta' Ottubru 2003). Jekk wiehed ihares lejn il-proceduri kriminali in dizamina fit-totalita taghhom ma hemm xejn li jindika li kien hemm nuqqas tant serju li illeda id-dritt tal-akkuzat ghal-smigh xieraq.

Illi r-rikorrent qieghed jallega wkoll li garrab vjolazzjoni ghaliex ma ippartecipax fis-smigh tal-appell li eventwalent gie ddikjarat dezert mill-Qorti tal-Appell Kriminali. L-esponent jirrileva li jekk huwa minnu li r-rikorrent ma ippartecipax fl-appell dan kien unikament minhabba nuqqas tal-istess rikorrent li naqas milli jidher ghas-seduta tat-13 ta' Lulju 2016 meta kien debitament notifikat. L-artikolu 422 tal-Kap. 9 jaghmilha cara li jekk fil-gurnata li jigi appuntat ghas-smigh l-appell, l-akkuzat jonqos milli jidher, l-appell jigi ddikjarat dezert. Mil-verbal tal-Qorti tat-13 ta' Lulju 2016 hemm imnizzel li "L-appellant imsejjah diversi drabi ma deherx". L-esponent jichad kategorikament l-allegazzjoni li r-rikorrent kien prezenti barra l-awla u ma dahalx ghax ma ssejjahx. Jekk l-avukat Dr Malcom Mifsud ma kienx jaf jekk il-persuna prezenti kienx effentivament ir-rikorrent jew le dan ma jiggustifikax l-assenza tar-rikjorrent anzi semmai Dr Malcom Mifsud kellu jassigura ruhu hu li fil-fatt il-persuna prezenti kien ir-rikorrenti. Ma hemm l-ebda dubju li r-rikorrent issejjah diversi drabi mil-marixxal tal-

Qorti u ma hemm l-ebda dubju wkoll li r-rikorrent ma deherx ghas-seduta. Dan wassal inevitabilment sabiex l-Onorabbli Qorti tal-Appell tiddikjara l-appell dezert. L-artikolu 422 jistipula wkoll il-procedura li ghandha tigi adottata sabiex l-appell li jkun mar dezert jigi appuntat ghal-data ohra. Fil-fatt l-akkuzat irid jaghmel rikors fi zmien erbat ijiem u jaghmel dikjarazzjoni guramentata li biha jindika r-ragunijiet ghalfejn ma deherx ghas-seduta. Fil- kaz in dizamina dan ir-rikors tar-rikorrent dahal fuori termine u r-rikorrent ma ghamel l-ebda dikjarazzjoni guramentata. Ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell, galadarba r-rikorrent ma qadx ma dak li tghid il-ligi, ma kellha ebda ghazla ohra hlief li tichad it-talba sabiex l-appell jigi ri-appuntat.
Illi dan kollu qed jinghad sabiex jigi enfasizzat kemm fil-fatt il-Qorti osservat skrupolozament dak li tghid il-ligi u ma sar xejn li huwa leziv ghad-drittijiet tar-rikorrent.
Illi ghalhekk din il-lanjanza ghandha tigi michuda.

Dwar dewmien fil-proceduri kriminali
Illi dwar l-ilment ta' dewmien fil-proceduri huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza, l-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment, s-sehem tal-awtorita jew awtoritajiet relevanti - f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita gudizzjarja fid-dewmien u fl-ahhar nett is-siwi ta' dak li l-parti ghandha xtitlef u tirbah mill-kaz taghha quddiem il-qrati - Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, 28/1/2013, Qorti Kostituzzjonali.
Illi r-rikorrent deher quddiem il-Qorti tal-Magisrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar it-23 ta’ Ottubru 2012 akkuzat b’diversi reati sesswali fuq Jessica Fenech. Peress li x-xhud principali tal-prosekuzzjoni u cioe il-vittma Jessica Fenech tghix barra minn Malta kellhom isiru arrangamenti sabiex effetivament hi tkun tista’ tigi Malta u taghti x-xhieda taghha viva voce quddiem il-Magistrat. Gara li l-akkuzi inqraw fit-12 ta ' Novembru 2013 u cioe meta il-kawza giet ri-appuntata fuq talba tal-Prosekuzzjoni. Minn dakinhar-il quddiem jidher li l-kawza imxiet bmod spedit u ftit li xejn kien hemm dewmien irragjonevoli waqt il-kumpilazzjoni. Tant li fis-7 ta’ April 2014 il-Prosekuzzjoni iddikjarat ma ghandhiex iktar provi xi tressaq u thalliet sabiex jinqraw l-artikoli u eventwalment ghal-provi difiza. Dan ifisser li f'5 xhur il-Prosekuzzjoni gabet il-provi kollha. Fit-12 ta’ Gunju 2015 l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati tat is-sentenza taghha.
Illi ghalhekk komplessivament ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti minn naha tal-partijiet fil-kawza u lanqas jirrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti tal-Qrati fir-rigward ta' dewmien.
Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Dritt ghall-Assistenza Legali waqt l-Interrogatorju
1. Illi r-rikorrent qed jilmenta li ma inghatax assistenza legali waqt l-interrogatorju dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.
Illi bhala punt ta' dritt taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea nsibu l-jedd ghal smigh xieraq u mhux il-jedd ghall-ghajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittiehed stqarrija. Ifisser dan, li jekk in-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat fil-mument tat-tehid tal-istqarrija ma ggib l-ebda pregudizzju serju ghall-akkuzat fl-ezitu tal-proceduri kriminali allura dan tal-ahhar ma jkollu l-ebda ragun jinvoka ksur tal-jedd ta' smigh xieraq abbazi ta' dan in-nuqqas.

Mil-istqarrijiet in kwistjoni r-rikorrent dejjem cahad li qatt involva ruhu sesswalment mal-minuri Jessica Fenech u ghalhekk is-sejbien ta' htija tieghu zgur li kinitx ibbazata fuq l-istqarrijiet izda fuq provi ohra li gabet il-Prosekuzzjoni.
Marbut ma' dan l-istqarrija ma tistax tigi izolata wahidha mill-bqija tal-kumpless tal-proceduri kriminali. Kif hafna drabi nghad f'dawn ic-cirkostanzi, id-dritt tas-smigh xieraq irid jigi meqjus fil-kuntest tat-totalita tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument specifiku. Tabilhaqq biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti. Wiehed ma jistax u mghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (ara fost ohrajn is-sentenzi Dr Lawrence Pullicino vs. Onorevoli Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Awwissu 1998, Anthony Zarb et vs. Ministru tal-Gustizzja et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2002 u Gregorio sive Godwin Scicluna vs. Avukat Generali et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru 2003).
Illi l-esponent jirrileva minnufih li fil-kaz odjern ghalkemm ir-rikorrent ma inghatax d-dritt formali mil-pulizija biex ikellem avukat qabel l-interrogatorju, mill-istqarrijiet johrog li fil-fatt r-rikorrent stqarr mal-Ispettur Louise Calleja li mar minn jeddu biex jiehu parir minghand avukat u cioe Dr Toni Abela illum Imhallef. Ghalhekk bhala stat ta’ fatt ir-rikorrent ikkonsulta ma’ avukat.
Illi ghalhekk anke din il-lanjanza ghandhom jigu michuda.

Id-Dritt ghal-Liberta tal-persuna
2. Illi r-rikorrent qieghed jiskonta piena ta' prigunerija ta’ 9 snin kif imposta mil-Qorti tal-Magistrati galadarba hu instab hati ta' reat serjissimu u cioe stupru vjolenti fuq tifla ta' seba’ snin. L-appell tieghu mar gjustament dezert minhabba r-ragunijiet li inghataw qabel u ghalhekk ir-rikorrent bl-ebda mod ma hu gustifikat li jilmenta minn restrizzjoni tal-liberta galadarba din ir-restrizzjoni hija l-konsegwenza tal-fatt li hu instab hati li ikkommetta reat kriminali.
Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Id-Dritt ghall-hajja privata u ghall-hajja tal-familja
L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jghid is-segwenti:
(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.
(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta demokratika fl-interessi tas-sigurta nazzjonali, sigurta pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzioni ias-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.

Fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 2007 fil-kawza Dickson vs UK il-Qorti Ewropea qalet hekk - The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities. Ghalhekk l-indhil mill-awtorita pubblika ghandu jkun fil-kazi specifikament kontemplati fit-tieni paragrafu tal-Art. 8 (ara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta' Settembru 2007 fil-kawza "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art. 8 dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk tkunx tezisti hajja familjari li haqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx gustifikata

(ara "Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" - PAK/GV - 4 ta' Ottubu 2004).
Ili l-esponent jirrileva li ovvjament persuna li tkun residenti l-habs ser ikollha certu restrizzjonijiet fil-hajja familjari taghha izda dan kollu huwa ghal kollox legittimu u gustifikat peress li tali mizura taqa' taht l-interessi tal-Istat li jzomm is-sigurta pubblika u biex jigi evitat dizordni jew eghmil ta ' delitti.
Illi l-Qorti tal-Magistrat ikellha kull dritt li tordna li isem ir-rikorrent jitnizzel fir-Registru dwar Pedofili ghaliex instab hati abbuza sesswalment tifla ta ' seba' snin u dan skont il-ligi.
Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

William Gatt xehed li meta l-ispettur bdiet tixhed quddiem il-Qorti tal-Magistrati hu kien barra u raha mit-tieqa fejn kien eskortat mill-pulizija imbaghad dahal. Kien appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u mar ghal appell imma baqa barra, u f'daqqa wahda nghalaq il-bieb u telaq kulhadd. Hu fl-Awla ma kienx dahal imma qaghad fuq il-bank barra. Imbaghad xi granet wara kienu arrestawh u haduh il-habs. Qalulu li ghax ma kienx mar il-Qorti. Id-depot lilu ma kinitx hallitu jcempel lill avukat.

Dr Tonio Azzopardi xehed li hu kien ra l-process kriminali u sab li l-appell ta' William Gatt gie trattat fl-assenza ta' Gatt imbaghad l-appell tieghu gie dikjarat desert ghax huwa ma kienx deher. Lilu ma kienux sejhulu. Imbaghad ghalqu l-awla ghax is-seduta kienet spiccat. Sab ukoll li meta xehdet l-Ispettur Callejja quddiem il-Magistrat Demicoli fis-seduta tat-18 ta' Dicembru 2013 l-imputat ma kienx prezenti ghalkemm fil-verbal hemm li kien prezenti. Jghid li minn informazzjoni li ghandu Gatt lanqas ma kien tkellem ma' avukat qabel l-interrogatorju.

Dr Malcolm Mifsud xehed li bhala avukat tal-ghajnuna legali kien ikollu hafna appelli kriminali. Hu kien ipprepara l-appell ta' William Gatt u kien ittratta l-kaz ta' William Gatt quddiem il-Qorti tal-Appell u haseb li kellu warjah lil William Gatt mentri kien klijent iehor tieghu Toni Mangion. Meta mar biex ighidlu ghal meta kienet is-sentenza l-persuna li kien warajh qallu li ma kienx William Gatt u ghalhekk gibed l-attenzjoni tal-Qorti u dina qaltlu li t-trattazzjoni kienet on tape u haseb li l-Qorti se tkompli. Meta hareg mill-Awla ra lil William Gatt, stqasih fejn kien, u qallu li kien hemm. Gatt kien fl-ewwel sular tal-Qorti. Hu kien ittratta l-appell u l-aggravji ta' Gatt. Meta gie infurmat li Gatt kien qieghed il-habs hu kien ipprezenta r-rikors biex l-appell jerga jinstema. Hu ma kienx iccekkja kif sar il-verbal meta kienet saret it-trattazzjoni. L-appell ta' William Gatt kien instema, imma hu haseb li kellu lill William Gatt warajh. Hu ma jistax jghid 100% li William Gatt ma ssejjahx. L-impressjoni tieghu hi li ma ssejjahx ghax diga kellu persuna warajh. Li gara kien li hu indika lil Qorti li ghandu numru 5 u l-Qorti issejjah lil William Gatt u l-probabilita hija li hu seta' qal lil Qorti 'isma hu diga qieghed hawn' bi zball ghax haseb li Toni Mangion kien William Gatt.

Franklin Calleja exebixxa l-lista tal-kawzi li kien hemm fit-13 ta' Lulju 2016 Dok. FC1.

Spettur Louise Calleja xehdet li hija kienet investigat il-kaz ta' William Gatt u kienet ufficjal prosekutur. Murija l-verbal tat-18 ta' Dicembru 2013 a fol. 83 tal-process kriminali hija qalet li kien deher l-imputat assistit minn Dr Patrick Valentino. Meta kienet ittiehdet l-ewwel stqarrija Dok. LC1 id-dritt tal-avukat ma kienx ghadu dahal fis-sehh. Kienet inghatat is-solita caution. Imbaghad fit-tieni stqarrija Dok. LC2 a fol. 92 huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u wzah. Hu kien ha parir minghand l-avukat Toni Abela kif jirrizulta mill-istatement li ghamel. Hi tichad li kienet xehdet fl-assenza tal-imputat. Kieku l-imputat ma kienx prezenti, kien ikun hemm talba u jigi vverbalizzat li hemm riferta positiva u li kien gie notifikat. Li kien presenti l-imputat hu rifless fil-verbal tal-Qorti.

PS 776 Victor Gafa xehed li l-imputat kien talab li jkellem lil Dr Toni Abela u ghandhom record li hu tkellem mal-avukat (ara Dok. VG1 a fol. 116).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fil-hames (5) talba tieghu r-rikorrent talab li dina l-Qorti tiddikjara nulli u bla effett il-proceduri kriminali kontra tieghu, u cjoe, is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Gunju 2015 u I-provvediment dwar dezerzjoni tal-appell tal-Qorti taI-Appell Kriminali tat-13 ta' Lulju 2016 u dana minhabba in-nuqqas ta’ partecipazzjoni fil-proceduri kriminali imsemmija.

Imbaghad fl-ewwel talba tieghu r-rikorrent ighid li hu sofra diversi lezjonijiet ta' I-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiggarantixxi d-dritt ghal smigh xieraq, fosthom billi

i. iI-proceduri kontra tieghu tmexxew fl-assenza tieghu dakinhar li xehdet I-Ispettur Louise Calleja, u cioe fit-18 ta' Dicembru 2013, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u billi

ii. l-appell tieghu ma nstemax mill-Qorti tal-Appell Kriminali stante li I-appell ma ssejjahx u t-trattazzjoni saret fl-assenza tieghu fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016.

**Nullita tal-proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati**

Ir-rikorrent xehed li fis-seduta tat-18 ta’ Dicembru 2013 l-ispettur kienet bdiet tixhed quddiem il-Qorti tal-Magistrati meta huwa kien ghadu barra mill-Awla u qed jara lis-spettur mit-tieqa tal-bieb tal-Awla fejn hu kien eskortat mill-pulizija. Eventwalment hu dahal.

Illi l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda biss xi mument meta l-ispettur bdiet tixhed, u skond hu, fl-assenza tieghu.

L-ispettur Calleja cahdet li kienet xehdet fl-assenza tar-rikorrent. Tghid illi kieku l-imputat ma kienx prezenti, kienet issir talba u jigi verbalizzat li kien hemm riferta positiva u li l-imputat kien gie notifikat, imbaghad tibda tinstema x-xhieda. Il-fatt li kien prezenti l-imputat hu rifless mill-verbal tal-Qorti (a fol. 83 tal-process kriminali). Tghid ukoll li mill-verbal jirrizulta li kien hemm prezenti Dr Valentino u dana ma ressaq ebda ilment li l-imputat ma kienx prezenti jew li x-xhieda kienet qed tinstema fl-assenza tieghu.

Il-principju hu illi l-verbali fl-atti jikkostitwixxu l-prova tar-res gestae quddiem il-Qorti u dina l-Qorti se toqghod biss fuq dak li jirrizultaha mill-atti. Ir-rikorrent jallega li kien hemm mument meta ma kienx prezenti waqt ix-xhieda tal-Ispettur Louise Calleja imma mill-verbal jirrizulta li r-rikorrent kien assistit minn Dr Patrick Valentino; l-iSpettur Calleja xehdet fil-presenza tal-imputat u hemm imnizzel ukoll li x-xhieda tal-ispettur giet dettata direttament on tape fil-presenza tal-imputat (ara fol. 83 u 87).

Illi fil-fehma tal-Qorti anke jekk hu veru li setgha kien hemm xi mument meta l-imputat ma kienx prezenti jew ghadu diehel fl-Awla dan ma ghandux iwassal ghal-dikjarazzjoni ta' nullita tal-proceduri jew ghal-vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Kif inhu risaput id-dritt tas-smigh xieraq irid jigi meqjus fil-kuntest tat-totalita' tal-proceduri u mhux fir-rigward ta' episodju specifiku. Jekk wiehed ihares lejn il-proceduri kriminali in dizamina fit-totalita taghhom il-Qorti ma ssib xejn li jindika li kien hemm nuqqas tant serju li illeda id-dritt tar-rikorrenti ghal-smigh xieraq.

L-imputat kien assistit minn Dr Patrick Valentino u dana fl-ebda hin ma ilmenta li l-proceduri ma kienux qed jigu segwiti. Fir-rikors tal-appell tar-rikorrent dana l-ilment imkien ma jissemma u ma hemm ebda aggravju f'dan is-sens. Jigi rilevat ukoll li x-xhieda tal-iSpettur f'dak l-istadju bl-ebda mod ma setghet tippregudika lir-rikorrent billi apparti li dina x-xhieda giet taped, dak il-waqt hija kienet qed tixhed fuq l-investigazzjoni li ghamlet u r-rikorrent seta liberament jikkontroezamina l-ispettur.

Ghalhekk ma kien hemm ebda nullita tal-proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

**Nullita tal-proceduri kriminali - Nuqqas ta' partecipazzjoni fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali**

Ir-rikorrent jilmenta li l-proceduri kriminali fi stadju ta' appell tmexxew fl-assenza tieghu. Hu xehed li kien mar ghal appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u qghad jistenna barra l-Awla u ma kinux sejhulu. Imbaghad inghalaq il-bieb tal-Awla u gie infurmat li s-seduta kienet spiccat. Xi granet wara kienu marru jarrestawh u haduh il-habs ghax qalulu li ma kienx attenda il-Qorti ghas-seduta.

L-intimat cahad kategorikament l-allegazzjoni li r-rikorrent kien prezenti barra l-awla u ma dahalx ghax ma ssejjahx. Hu jsostni li ma hemm l-ebda dubju li r-rikorrent issejjah diversi drabi mil-marixxal tal-Qorti.

Dr Malcolm Mifsud, li kien l-avukat difensur tal-Ghajnuna legali tar-rikorrent f'dak l-appell, xehed li kien mar biex jittratta quddiem il-Qorti tal-Appell u waqt it-trattazzjoni haseb li kellu warajh lill-appellant William Gatt mentri minflok kellu kljent iehor tieghu Toni Mangion li ukoll kellu appell dakinhar (ara lista tal-kawzi Dok. a fol. 78). Meta l-appell thalla ghas-sentenza hu dar biex ighidlu ghal meta kienet baqghet is-sentenza u l-persuna li kellu warajh qallu li hu ma kienx William Gatt. Hu gibed l-attenzjoni tal-Qorti dwar dan u l-Qorti qaltlu li t-trattazzjoni xorta kienet on tape. Hu haseb li l-Qorti kienet se thalli l-appell ghas-sentenza. Meta hareg mill-Awla ra lil William Gatt, stqasih fejn kien, u dan qallu li kien barra l-Awla. Hu kien ittratta l-appell u l-aggravji ta' Gatt f'dik is-seduta. Imbaghad wara xi granet gie infurmat mir-rikorrent li kien qieghed il-habs. Hu pprezenta rikors biex l-appell jerga jinstema imma ma kienx intlaqa mill-Qorti ghax ir-rikors gie pprezentat fuori termine u ma kienx guramentat. Hu ma jistax jikkonferma 100% li William Gatt ma ssejjahx dak inhar. L-impressjoni tieghu hi li ma ssejjahx ghax diga kellu persuna warajh. Jahseb li dak li gara kien li hu ndika lil Qorti li ghandhu n-numru 5 u l-Qorti suppost sejhet lil appellant imma l-probabilita hija li hu seta bi zball qal lil Qorti li l-appellant kien diga qieghed fl-Awla ghax haseb li Toni Mangion li kellu warajh kien William Gatt.

Illi fix-xhieda tieghu, Dr Mifsud ma kienx cert dwar x'gara attwalment dakinhar imma x'jahseb li gara. Hu ma kienx cert jekk issejjahx ir-rikorrent u fejn ezattament kien ir-rikorrent meta gie ttrattat l-appell.

Li jirrizulta huwa dak li gie verbalizzat fl-atti tal-appell li gew annessi. F'pagna 214 tal-process hemm verbalizzat li fil-21 ta' Jannar 2016 l-appellant kien deher ghall-appell u fuq talba ta' Dr Mifsud l-appell gie differit ghat-trattazzjoni ghal 14 ta' April 2016. F'dik id-data (ara fol. 218) rega deher l-appellant u Dr Mifsud talab differiment ghax kien jinsab impenjat f'guri. Fit-13 ta' Lulju 2016 (ara fol. 219) meta ssejjah l-appell deher Dr Malcom Mifsud ghall-appellant. Dehret Dr Kristina Debattista ghall-Avukat

Generali. L-appellant imsejjah diversi drabi ma deherx. Il-Qorti rat l-artikolu 422 tal-Kodici Kriminali, rat in-notifika tal-appellant tiddikjara l-appell dezert.

Illi minn dan l-ahhar verbal jirrizulta li:
-l-appell issejjah fil-kawza Il-Pulizija vs William Gatt u mhux il-Pulizija vs Toni Mangion
-li Dr Malcolm Mifsud deher ghall-appellant William Gatt
-li l-imputat issejjah mhux darba imma diversi drabi
-u li l-Qorti qabel dikjarat l-appell dezert ivverifikat li l-appellant kien notifikat.

Minn dan l-verbal li sar fil-prezenza ta' Dr Mifsud, jirrizulta li ma hemm xejn minn dak li semma l-Avukat Mifsud. Kieku sar xi zball, Dr Mifsud messu dak il-hin ivverbalizza dak li gara, izda ma hemm ebda verbal f'dan is-sens. Invece hemm il-verbal tal-Qorti li gie dettat fil-presenza taz-zewg avukati li kienu prezenti fl-Awla. Fix-xhieda tieghu Dr Mifsud lanqas ma kien cert dwar x'attwalment gara dakinhar imma x'jahseb li seta' gara. Hu ma kienx cert jekk ir-rikorrent kienx issejjah, imma l-verbal tal-Qorti huwa car u ma jhalli ebda lok ghal dubbju. Il-verbal juri li l-appellant issejjah diversi drabi u ma deherx. Skont il-versjoni ta' Dr Mifsud kienet saret it-trattazzjoni tal-kaz tar-rikorrent, pero fil-verbal tal-Qorti jirrizulta il-kaz gie dikjarat dezert u mhux li thalla ghas-sentenza. L-ispjegazzjoni li ghandha taccetta dina l-Qorti hija dik li tirrizulta mill-verbal imsemmi. Inoltre jigi rilevat li dik ma kinitx l-ewwel okkazjoni li r-rikorrent kien deher ghall-appell tieghu imma kienet it-tielet darba u ghalhekk kien jaf x'kien mistenni minnu.

Din il-lanjanza ghalhekk qed tigi michuda.

**Provvediment dwar dezerzjoni tal-appell tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Lulju 2016**

Wara li l-appell kien gie dikjarat dezert, Dr Mifsud ighid li huwa kien gie infurmat mir-rikorrent li hu kien ittiehed il-habs. Dr Mifsud ipprezenta rikors fis-26 ta' Lulju 2016 ai termini tal-artikolu 422 tal-Kodici Kriminali biex l-appell jerga jigi appuntat ghas-smigh

izda dana r-rikors ma giex milqugh mill-Qorti billi kien fuori termine u r-rikors ma giex guramentat.

L-Artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali jaqra hekk:

> (1) Jekk, f'jum tas-smigh tal-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tieghu jinghadd dezert u s-sentenza appellata tigi esegwita; imma fuq rikors tal-appellant, ipprezentat fi zmien erbat ijiem mill-gurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni mahlufa mill-istess appellant qudddiem ir-registratur li, minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta tieghu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-gurnata fuq imsemmija, il-Qorti taghti gurnata ohra ghas-smigh tal-appell, u, f'dan il-kaz, jghoddu d-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) tal-ahhar artikolu qabel dan."

Il-ligi ghalhekk tipprovdi salvagwardja adegwata biex il-parti jkollha l-opportunita li tinstema' quddiem il-Qorti jekk ghal xi raguni mhux maghrufa ghal Qorti fid-data tas-smigh tal-appell, din il-parti tkun naqset li tattendi.

Illi r-rikorrent xehed li fit-13 ta' Lulju 2016 kien mar il-Qorti ghal appell u baqa barra ghax ma sejhulux. Imbaghad xi granet wara kienu arrestawh u haduh il-habs billi ma kienx deher ghall appell. Dr Mifsud xehed li hu kien ipprezenta r-rikors ai termini tal-artikolu 422 tal-Kap. 9 wara li r-rikorrent kien gie arrestat fl-24 ta' Lulju 2016. Hu jghid li wara s-seduta tal-appell kien kellem lir-rikorrent u kien baghtu d-dar. Hu ma kienx iccekkja wara s-seduta l-verbal li kienet ghamlet il-Qorti (ara fol. 70).

Illi kif gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Anthony Bezzina vs Avukat Generali** deciza fil-31 ta' Jannar 2014:

> 13. In tema legali l-Qorti tosserva li din il-Qorti kif ukoll il-Qorti Ewropeja ddentifikat is-segwenti principji relevanti ghall-kaz in dizamina:
>
> 13.1 Il-principju tal-equality of arms ma jfissirx li parti tista', l-ewwel tinjora r-regoli ta' procedura, u mbaghad tistieden lill-Qorti li, minkejja dan tmur kontra dawn l-istess regoli. Dan il-principju jfisser li kull parti ghandha tinghata opportunita indaqs li tressaq il-kawza taghha; izda dan ma jfissirx li parti tista' tagixxi in oltragg ghar-regola tal-procedura u xorta tippretendi l-indulgenza tal-Qorti biex tressaq il-provi taghha fil-kumdita` taghha. Id-dritt tas-smigh xieraq hu koncess fit-termini tar-regoli tal-ligijiet tal-procedura, u jekk dawn jigu njorati mill-parti, ghal xi nuqqas, imputet sibi

Jekk appellant ma jiehux hsieb d-drittijiet tieghu u jibqa passiv ma jistax jippretendi li jirrikorri b'success ghar-rimedju straordinarju, kostituzzjonali u konvenzjonali, b'tentativ li jissana l-mankanza tieghu meta jkun naqas milli jibbenefika mir-rimedju ordinarju mahsub fl-artikolu 422 precitat.

Il-Qorti tosserva li jekk ir-rikorrent kien prezenti l-Qorti, u jekk effettivament kellem mal-avukat wara s-seduta, hu messu almenu ottjena l-informazzjoni mill-avukat jew indaga fll-Qorti dwar x'sar minnu l-appell tieghu u mhux jitlaq barra. Dr Mifsud ma tantx ghen ukoll ghax hu lanqas ma ivverifika x'kien jghid il-verbal tal-Qorti (Il-kawza proprjament giet dikjarata dezerta u mhux thalliet ghas-sentenza). Jidher li wara t-13 ta' April ir-rikorrent baqa' indifferenti u ma ghamel xejn aktar sakemm fl-24 ta' Lulju huwa gie arrestat. Kien hawn li r-rikorrent iccaqlaq biex ikkuntattja lill-avukat ghax kien se jibda jiskonta s-sentenza.

Fil-fehma tal-Qorti kien l-obbligu tar-rikorrentli jsegwi l-proceduri kriminali istitwiti minnu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u jara x'sar minnhom u mhux jibqa indifferenti sakemm gie arrestat u sadanittant it-terminu ghal prezentata tar-rikors kien skorra. Ghalhekk ma jistax jitqies li r-rikorrent wera "special diligence in the defence of his interests (ara **Teuschler v. Germany**, (dec) no. 47636/99, 4th October 2001; **Sukhorubchenko v. Russia**, no. 69315/01 paras. 41-43, 10 February 2005); (**Muscat v. Malta**, Application. 24197/20, 17 July 2012).

Illi r-rikors li eventwalment ghamel r-rikorrent kien fuori termine ghax gie pprezentat tlettax il-gurnata wara li l-appell mar dezert u inoltre r-rikors lanqas ma gie guramentat b'mod li r-rikorrent seta jispejga taht gurament x'verament gara dakinar.

Illi ghalhekk lanqas taht dan il-kap ma hemm lezjoni.

**Dewmien eccessiv**

Fit-tielet (3) talba tieghu r-rikorrent talab dikjarazzjoni illi hu sofra lezjoni tal-garanzija dwar smigh xieraq fi zmien ragonevoli (reasonable time requirement) skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) peress li huwa tressaq il-Qorti fl-2011 u l-proceduri kriminali gew mitmuma f'Awwissu 2016. Hu

jsostni li kien hemm hafna zmien li ma giex utilizzat u numru zghir ta' xhieda li gew prodotti u ghalhekk kien hemm dewmien eccessiv

L-intimat wiegeb li mill-ezami tal-atti tal-kawza jirrizulta li f'hames xhur il-prosekuzzjoni gabet il-provi kollha taghha u ma jirrizulta li kienx hemm xi dewmien lampanti min naha tal-prosekuzzjoni jew da parti tal-Qorti.

Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, li tirrifletti dik tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, biex jigi stabbilit il-qies tad-dewmien fil-proceduri, il-Qorti trid tezamina tliet konsiderazzjonijiet, u cioe:

1. Il-komplessita tal-kaz;
2. L-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment;
3. Is-sehem tal-awtorijiet koncernati fid-dewmien u
4. Is-siwi ta' dak li l-parti ghandha x'titlef u tirbah mill-kaz taghha quddiem il-Qorti (**Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija et**, Kost 28/01/2013).

Il-fattur taz-zmien ma ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz (ara Applikazzjoni 1103/6 kontra l-Belgju).

Illi fil-fehma tal-Qorti u minn ezami tal-atti procedurali tal-kumpilazzjoni u tal-atti tal-appell ma jirrizultax li kien hemm id-dewmien eccessiv li qed jirravvisa r-rikorrent. Wara li harget ic-citazzjoni fl-24 ta' Frar 2012 l-prosekuzzjoni kien hadet xi sena u nofs biex ipproduciet ix-xhud principali Jessica Fenech. Ir-raguni kienet li x-xhud kienet tirrisjedi l-Ingilterra u l-familja taghha kellha diffikultajiet finanzijari biex tigi Malta biex tixhed. Fil-12 ta' Novembru 2013 il-prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi u kkonkludithom fis-7 ta' April 2014 cioe wara hames xhur. Il-Qorti ddecidiet l-eccezzjoni preliminari mressqa mir-rikorrent fl-10 ta' Ottubru 2014 u tat is-sentenza finali fit-12 ta' Gunju 2015. Jirrizulta li l-kaz ma kienx wiehed kompless u kienu ntalbu differimenti ghal raguni valida kemm mill-prosekuzzjoni, mid-difiza u mill-Qorti stess. Ghalhekk fir-rigward tal-atti tal-kumpilazzjoni dina l-Qorti ma ssibx li kien hemm xi dewmien irragjonevoli.

Fir-rigward tal-appell interpost mir-rikorrent, jirrizulta li dana gie appuntat fil 21 ta' Jannar 2016 u d-decizjoni inghata fil-13 ta' Lulju 2016 u d-differimenti (tnejn) intalbu biss mir-rikorrent.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti komplessivament ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqas lampanti fir-rigward ta' dewmien.

**Id-dritt ghal assistenza ta' avukat**

Ir-rikorrent jilmenta (ara (2) talba) li hu sofra lezjoni taht l-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) peress li nkiser id-dritt tieghu ghall-assistenza ta' avukat sija fid- 9 ta' Frar 2010, (Dok. LC1 a fol. 89) lejliet li dahlet fis-sehh l-emenda fil-ligi, u sija fis-27 ta' Dicembru 2011 (Dok. LC2 a fol. 92) meta huwa rega' gie interrogat u tressaq il-Qorti l-ghada, stante li d-dritt tieghu ghall-assistenza ta' avukat ma giex rispettat.

L-Avukat Generali ssottometta li l-fatt fih innifsu li persuna ma tkunx thalliet tikseb parir legali qabel l-interrogatorju taghha ma jfissirx awtomatikament li gie lez id-dritt ghal smigh xieraq. Ighid illi sabiex in-nuqqas ta' assistenza legali tkun tista' potenzjalment twassal ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq irid jigi muri b'mod sodisfacenti li minhabba dak in-nuqqas inholoq perikolu illi persuna tinsab hatja meta ma ghandux ikun hekk.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghal sentenza recenti tal-Grand Chamber tal-Qorti ta' Strasburgu fil-kaz **Beuze v. Belgium** (Application no. 71409/10) moghtija fid-9 Novembru 2018 fejn "the Court was confronted with the question when a restriction on the right of early access to a lawyer in criminal proceedings renders those proceedings unfair and thus constitutes a breach of Articles 6(1) and 6(3)(c) of the European Convention. The majority ruled that under the principle established in **Salduz v. Turkey** a systematically applied general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer will only amount to a breach of Article 6 when it compromises the overall fairness of the criminal proceedings. Accordingly, the mere existence of such a restriction does in itself not constitute a violation of the Convention.

The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons for such restriction.

Kull ma xehed ir-rikorrent fix-xhieda tieghu quddiem dina l-Qorti f'dan ir-rigward hu li ma kienx thalla ikellem avukat meta kien id-Depot. Fuq hekk xehdet l-iSpettur Calleja li qalet li meta kienet ittiehdet l-ewwel stqarrija (Dok. LC1) id-dritt tal-avukat ma kienx ghadu dahal fis-sehh fil-ligi u r-rikorrent kien inghata biss is-solita caution. Imbaghad fit-tieni stqarrija (Dok. LC2) ir-rikorrent kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u fil-fatt huwa wza dan id-dritt.

Dwar it-tieni stqarrija Dok. LC2 jirrizulta li r-rikorrent kien ha parir minghand Dr Toni Abela kif jidher mill-istatement li hu ghamel. Inoltre PS 776 Victor Gafa ikkonferma li r-rikorrent kien talab li jkellem lil Dr Toni Abela u pprezenta record li juri li fil-fatt ir-rikorrent tkellem mal-avukat (ara Dok. VG1 a fol. 116). Ghalhekk mill-istqarrija, mir-record ezibit u mix-xhieda prodotti jirrizulta li fil-fatt r-rikorrent kien ha parir u kkonsulta ma' Dr Toni Abela qabel gie interrogat, u ghalhekk ma kienx hemm lezjoni fir-rigward tal-istqarrija Dok. LC2.

Fir-rigward tal-istqarrija Dok. LC1, dak iz-zmien il-ligi ma kinitx tipprovvdi ghal dritt tal-assistenza tal-avukat fl-istadju qabel persuna tirrilaxxja stqarrija.

Skond is-sentenza **Beuze** l-fatt wahdu li persuna ma tkunx thalliet tikseb parir legali qabel l-interrogatorju taghha ma jfissirx <u>awtomatikament</u> li gie lez id-dritt ghal smigh xieraq. L-intimat isostni li l-istqarrija ma tistax tigi izolata wahedha mill-bqija tal-kumpless tal-proceduri kriminali. Ic-cirkostanzi kollha tal-kaz iridu jigu ezaminati biex jigi deciz jekk ir-rikorrent inghatax smigh xieraq nonostante li ma kienx assistit minn avukat (ara ukoll is-sentenza **Farrugia vs Malta**, Application 63041/13, ECHR 04/06/2019).

Illi mill-istqarrijiet in kwistjoni jirrizulta li r-rikorrent dejjem cahad Ii qatt involva ruhu sesswalment mal-minuri Jessica Fenech u li dak li kienet qed tghid kien kollu gideb.

Illi mill-ezami tal-atti procedurali u minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati deciza fit-12 ta’ Gunju 2015 (a fol. 194) jirrizulta li l-Qorti ma ghamlet ebda uzu mill-istqarrijiet tar-rikorrent u s-sejbien ta' htija tieghu zgur Ii ma kinitx ibbazata fuq l-istqarrijiet izda fuq provi ohra Ii gabet il-prosekuzzjoni principalment fuq ix-xhieda ta’ Jessica Fenech li l-Qorti ma kellhiex l-icken dubbju dwar il-kredibilita taghha u l-fatti minnha rrakkuntati. Il-Qorti qaghdet biss fuq il-versjoni ta’ Jessica Fenech u c-cahda tar-rikorrent u emmnet lil Jessica Fenech biex sabet lir-rikorrent hati.

Jigi rilevat ukoll li r-rikorrent qatt ma ilmenta dwar nuqqas ta’ assistenza ta’ avukat, la waqt il-kumpilazzjoni u lanqas fir-rikors tal-appell fejn l-aggravji kienu biss fuq il-piena u fuq il-fatt li l-ewwel Qorti ma kinitx ghamlet apprezzament tajjeb tal-fatti. Inoltre jirrizulta li r-rikorrent ma kienx persuna vulnerabbili, inghata s-solita caution u d-dritt li ma jirrispondiex u li ma kienet se tingibed ebda inferenza mill-fatt li hu ma wigiebx.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent inghata smigh xieraq waqt il-proceduri kkontestati nonostante li fir-rigward tal-istqarrija Dok. LC1 huwa ma kienx assistit minn avukat.

**Id-dritt ghad-dinjita u ghall-hajja privata u l-hajja tal-familja**

Fir-raba (4) talba tieghu r-rikorrent talab dikjarazzjoni li huwa sofra lezjoni tad-dritt ghall-hajja privata u ghall-hajja tal-familja garantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (. 319) peress illi l-proceduri kriminali mmexxija kontra tieghu kkawzawlu hsara fid-dinjita, reputazzjoni u l-personalita tieghu, kif ukoll hsara non-pekunjarja u danni morali stante li l-isem tieghu tnizzel fir-Registru dwar Pedofeli msemmi fil-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-intimat wiegeb li persuna Ii tkun qeghda l-habs ser ikollha certi restrizzjonijiet fil-hajja familjari taghha izda dan kollu huwa gustifikat u legittimu peress li taIi mizura taqa’ taht l-interessi tal-Istat Ii jzomm is-sigurta pubbIika u biex jigi evitat dizordni jew eghmil ta' delitti. Illi il-Qorti tal-Magistrat ikellha kull dritt Ii tordna Ii isem ir-rikorrent

jitnizzel fir-Registru dwar Pedofili ghaliex ir-rikkorrent instab hati li abbuza sesswalment tifla ta' seba snin.

Illi l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

> (1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.
>
> (2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet jew libertajiet ta' haddiehor".

Kif qalet dina l-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza **Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja**, deciza 29 ta' Settembru 2016, huwa accettat li d-dispozizzjonijiet tal-artikoli tal-Kapitolu 518 jikkostitwixxu ghamla ta' ndhil mill-Istat fuq persuni li jintlaqtu mit-thaddim ta' dawk id-dispozizzjonijiet. Madankollu, il-fatt wahdu li jezisti tali ndhil mhuwiex raguni ta' ksur tal-jedd imhares fl-artikolu 8, ghaliex it-tieni paragrafu ta' dak l-artikolu nnifsu jaghmel eccezzjonijiet dwar meta tali ndhil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd ghall-hajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun.

Bid-dhul fis-sehh tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 518 l-Istat agixxa b'mod pozittiv biex ihares il-jedd ta' kull persuna minuri milli tisfa vittma ta' persuna li tkun instabet hatja ta' reat skedat f'dik il-ligi. Illi biex l-indhil ikun "skond il-ligi", jehtieg li dan isir bis-sahha ta' ligi u biex l-ndhil jitqies bhala "mehtieg f'socjeta' demokratika", jrid jintwera li kienet hemm htiega urgenti socjali li tkun "proporzjonali" mal-ghan mixtieq u "prevedibbli" fit-thaddim taghha biex taghti c-certezza tad-dritt. Ghalhekk mhux kull indhil huwa projbit sakemm ikun joqghod mal-ghanijiet mahsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indhil maghmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-ghanijiet.

Ghahekk fil-fehma ta' dina l-Qorti t-tnizzil ta' isem ir-rikorrent fir-registru sehh billi huwa nstab hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali u fic- cirkostanzi li tipprovdi ghalihom il-ligi. L-effetti tal-Kap. 518 fir-rigward tar-rikorrent huma l-konsegwenza diretta tas-sentenzi msemmija. Dawn ma jgibu l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**Id-dritt ghal-liberta personali**

Ir-rikorrent talab ukoll dikjarazzjoni illi huwa sofra lezjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxi d-dritt ghall-liberta personali. Isostni illi b'rizultat tas-sentenza u tal-provvediment dwar id-dezerzjoni tal-appell, hu gie pprivat mill-liberta personali peress li gie detenut mill-24 ta' Lulju 2016 sabiex jiskonta sentenza ta' 9 snin prigunerija. Ghalhekk, id-dritt tieghu ghal-liberta personali garantit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea gie lez u ghadu qed jigi lez.

Illi l-intimat wiegeb li din ir-restrizzjoni hija il-konsegwenza tal-fatt li hu instab hati b'sentenza tal-Qorti li ikkommetta reat kriminali.

**L-Artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea jistipula hekk**:

> No one shall be deprived of his liberty save in the following cases and in accordance with a procedure prescribed by law:
>
> (a) the lawful detention of a person after conviction by a competent court.

L-awturi **Harris O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb taghhom 'Law of the European Convention on Human Rights', (Oxford University Press, Second Edition) jghidu hekk a fol. 138:

> A 'conviction' is a conviction by a trial court, so detention pending appeal is justified by reference to Article 5(1)(a).

Illi ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jallega li l-Qorti tal-Appell Kriminali kisritlu dritt fundamentali tieghu garantit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni billi hu qed jigi mizmum l-habs after conviction by a competent court.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

Tiddikjara illi r-rikorrent ma sofriex lezjoni taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

Tiddikjara illi ma kien hemm ebda lezjoni taht l-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-istqarrija Dok. LC1;

Tiddikjara illi r-rikorrent ma sofra ebda lezjoni minhabba dewmien;

Tiddikjara illi r-rikorrent ma sofriex lezjoni tad-dritt ghall-hajja privata;

Tichad il-hames talba;

Tiddikjara illi r-rikorrent ma sofra ebda lezjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Tichad is-seba' talba;

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrent.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur